# L-GHID TA' L-ASSUNTA

**Harga Specjali ta' darba f'sena.  Mahrug mill-Mons. Carmelo Scicluna.  15 ta' Awissu, 1967.**

## Il-Kwadru ta' San Frangisk di Paola

### fil-Knisja Kattidrali t'Ghawdex

*Minn George Scicluna*



Pittura sabieħa li żżejjen altar minn tal-Knisja Kattidrali t'Għawdex hi bla dubju ta' xejn dik ta' San Franġisk di Paola, l-ewwel altar fuq il-lemin kif nidħlu mill-bieb il-kbir.

Dnub li l-istorja ta' dan il-kwadru hija mitlufa, jew, jekk ġiet miktuba, għadha sal-lum moħbija. L-arti tal-pittura għandha ħafna mill-ħajja, u meta kwadru sabiħ, bħal dan ta' San Franġisk di Paola, jolqotna, aħna aktarx nistaqsu min tah il-ħajja fuq ix-xoqqa. Imma dan il-kwadru, biex bħal kieku ħadd ma jikxiflu ġmielu, ma jweġibx ċar għall-mistoqsija tagħna.

Il-kwadru ta' S. Franġisk di Paola jaf lil niesna ta' mitejn u ħamsin sena ilu, dawk li daħlu għall-ewwel darba fil-Knisja Matriċi tagħna, mibnija mill-ġdid fuq id-disinn ta' Lorenzo Gafà, ra l-ġrajja tal-Kattidral tagħna qegħda tintiseġ ftit ftit taħt għajnejh, iżda dwar min pittru jibqa' sieket.

Xi ftit nies kitbu li dan il-kwadru hu xogħol ta' Giuseppe d'Arena, imsejjaħ 'Ir-Ruman', billi dan il-pittur studja fil-belt ta' Ruma fis-Seklu Sbatax. Iżda ħadd minnhom ma jurina mnejn ħa dan it-tagħrif.

L-istoriku Għawdxi l-Kanoniku Agius de Soldanis, milqut minn dan il-kwadru, isemmih fil-manuskritt tiegħu "Għawdex" li hu kiteb fl-1745 u li ġie maqlub għall-Malti minn Mons. Giuseppe Farrugia fl-1953, iżda De Soldanis ma kienx żgur min pittru. Dan l-istoriku jgħid hekk:

"Fil-ħames kappella (tal-Knisja Matriċi) hemm l-altar ta' San Franġisk di Paola, li l-

**ikompli paġna 9**



## L-Isqof Nikol Cauchi u l-Kattidral li Fih gie mzejjen bil-milja tas-Sacerdozju

Il-jum tad-9 ta' April 1967, jibqa' minsuġ b'newl tad-deheb fl-istorja tal-Knisja Kattidrali t'Għawdex, għax f'din il-ġurnata dan l-għola Maqdes tal-Gżira Għawdxija mwaqqaf f'ġieħ il-Madonna mgħollija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, ra wieħed mill-ulied ta' dik il-parroċċa Kolleġġjata fejn l-Assunta kienet semmgħet leħinha fit-22 ta' Ġunju 1883, jiġi mżejjen bil-milja tas-Saċerdozju. U ma naħsibx li nkun ħriġt barra miċ-ċirku tar-raġuni jekk nistqarr li l-Providenza Divina għażlet dan is-saċerdot bħala Ragħaj Spiritwali ġdid ta' din il-gżira Għawdxija għax ftit tas-snin qabel kien hu li kiteb l-istorja tal-kompajżana tiegħu Karmni Grima, il-mara li semgħet mill-fomm tal-Madonna stess li hija damet tlitt ijiem biss fil-qabar.

### PAGNA GDIDA FL-ISTORJA TAL-KATTIDRAL

Bil-konsagrazzjoni ta' Mons. Nikol Cauchi bħala Isqof Awżiljarju t'Għawdex, inkitbet paġna ġdida fl-istorja tal-Knisja Kattidrali tagħna għaliex dan it-tempju matul il-medda twila ta' ġrajjietu, qatt ma ra n-Nunzju Apostoliku ta' dawn il-gżejjer jikkonsagra l-isqof tiegħu. Jekk fis-17 ta' Diċembru 1944 il-Kattidral tagħna ra l-ewwel konsagrazzjoni ta' isqof, fid-9 ta' April 1967 l-istess Kattidral lemaħ għall-ewwel darba lill-Arċisqof titulari ta' Laodicea Martin O'Connor jikkonsagra l-ewwel Isqof matul il-veskovat tiegħu għax qatt qabel dan in-Nunzju ma messitu din ix-xorti hekk kbira. Kellha tkun il-Knisja Kattidrali tagħna biex toffri lil dan id-Diplomatiku tal-Vatikan esperjenza ġdida fil-ħajja episkopali tiegħu.

Barra minn hekk, dan it-tempju mkennen mis-swar li darba raw lil missirijietna jitqabdu kontra l-għedewwa tar-Reliġjon Nisranija tagħhom, laqa' fih l-iżgħar fost l-erba' isqfijiet li s'issa kellu, u fost il-ħames isqfijiet ta' dawn il-gżejjer. Tabilħaqq li din l-okkażjoni swiet biex il-Knisja Kattidrali tagħna ħażnet u refgħet fl-Arkivju

**ikompli pagna 2**

554489

## *X'qalu l-Gurnali fuq il-Kattidral ta' Għawdex fl-okkazjoni tal-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. Cauchi*

"Il-Kattidral t'Għawdex kienet tippreżenta f'dik il-għodwa dehra ta' ġmiel u splenduri li kienu jixirqu ħafna għal dik ic-cerimonja rari u importanti li kienet sejra ssir ġo fiha. Il-Knisja kienet imżejna mill-aħjar u l-ħuġġieġa tad-dwal kompliet għenet biex issebbaħ u thenni l-atmosfera ġenerali ta' hemm ġew." (Ir-Review, 22 t'April, 1967).

"Il-Kattidral kien mimli bħal bajda bil-folla kbira ta' nies preżenti." (Leħen is-Sewwa, 11 t'April, 1967).

"Fil-bieb tal-Kattidral, li kien armat bħal fil-festa titulari, kien hemm il-kanonici tal-kapitlu kattidrali." (Il-Ħaddiem, 10 ta' April, 1967).

"Imbagħad fid-9.30 a.m. ftit wara li Mons. Nikol Cauchi wasal fil-Kattidral, imżejjen maestożament għall-okkażjoni, bdiet ic-cerimonja tal-konsagrazzjoni b'quddiesa Pontifikali." (L-Orizzont, 10 ta' April, 1967.)

"Full regalia adorned the Cathedral worthy of the occasion." (The Bullettin, April 10, 1967).

"Thousands of people packed the majestically decorated cathedral to watch the impressive ceremony." (Malta News,April 10, 1967)

"Thousands are expected to be present at the Cathedral for the consecration of His Lordship Mgr. Nicholas Cauchi." (The Sunday Times of Malta, April 9, 1967.)


SPRITEX

L-ahjar Insect-Killer u jaghmel id-dar tfuh


### NIKKORIEGU

**Is-sena l-oħra f'dan il-ġurnal konna għidna li l-fundaturi ta' l-Eżerċizzi Spiritwali tan-nisa huma Francesco Caruana u martu Antonia. Fil-fatt huma dawn il-persuni: Mons. Arċid. P. Cauchi, l-Avv. Fco. Masini, Roża Farrugia, Carmelo Mejlak, Gius. Scicluna u persuni oħra li ma jridux juru isimhom.**

# L-ISQOF NIKOL CAUCHI

jaqbad minn paġna 1

tagħha paġna 1 i hija tibqa' tgħożżha sat-temma taż-żmien.

### GRAJJA LI TIBQA' TIDWI FL-ISTORJA TAL-KATTIDRAL

Ġrajja bħal din ma jistax ikun li ma tibqax tinħass u tidwi fl-istorja ta' dan it-Tempju Ewlieni ta' Għawdex... Tabilħaqq li hekk kif leħen igħajjat qalb il-blat ta' wied dan il-leħen jibqa' jidwi wara li l-leħen ikun siket, hekk ukoll din il-ġrajja fl-istorja tal-Knisja Kattidrali tibqa' tinħass u tidwi wara ħafna u ħafna snin li tkun ilha li ntemmet. Anzi jiena rrid nxebbaħ din il-ġrajja ma' dik iċ-ċagħka li malli nxteħtet fil-baħar qanqlet ħafna dwawar ġo xulxin, dwawar li baqgħu jikbru u jitwessgħu anki wara li ċ-ċagħka tkun ilha li niżlet fil-qiegħ, għax f'din il-ġrajja tal-konsagrazzjoni ta' l-Isqof Cauchi hemm maħsuba u moħbija dawk it-hidmiet kollha li huwa żgur għad iwettaq għall-ġid tal-Knisja Kattidrali tagħna mal-medda twila taż-żminijiet sewwa sew kif fiż żerriegħa hemm maħsuba l-frieghi, il-weraq u fuq kollox il-frott li hija għad twarrad fil-ġirja ħafifa tas-snin. Tabilħaqq li għad igħaddu s-snin minn fuq Mons. Isqof Cauchi, għax kif igħid Ġob, iż-żmien jiġri ħafif daqskemm ħafif jiġri minn ġos-sema s-seqer għal fuq l-ikel tiegħu, iżda l-ħidma ta' Mons. Cauchi għall-ġid tal-Knisja Kattidrali tagħna għad żgur twarrad u tagħti frott l-aktar bnin u kotran.

### IL-FROTTA MIXTIEQA

Il-frotta li aħna nixtiequ li tiġi misjura fuq is-siġra tal-ħidma ta' Mons. Cauchi għall-ġid tal-Kattidral, hija t-twaqqif ta' Mużew ta' din l-eqdem knisja ta' Għawdex, mużew li jiġbor fih il-ġrajjiet glorjużi u l-istorja mżewqa bl-isbaħ ilwien ta' dan il-Kattidral. Jekk nazzjon mingħajr il-Mużew tiegħu ma jistax jissejjaħ nazzjon żviluppat għax jibqa' bla ma' jagħti sehmu għall-kobor ta' l-istorja dinjija, hekk ukoll Kattidral mingħajr il-Mużew tiegħu jissejjaħ Kattidral mejjet għax jibqa' bla ma jagħti sehmu għall-kobor ta' l-istorja tal-Knisja. U hekk kif il-moħħ jurina li meta ngħaqqdu ħoss ma' ieħor nistgħu noħorġu minnhom simboli ta' ħsibijiet li bihom nfissru lil ħaddieħor dak li rridu, dak li nixtiequ u dak li nħossu, hekk ukoll Kattidral meta huwa mżejjen bil-Mużew tiegħu jista' jagħtina tifsira ċara tal-valur storiku tiegħu. Aħna nafu li dan il-proġett ma jiddependix mill-Amministratur Apostoliku Cauchi biss, imma aħna żguri li l-kelma tiegħu tista' tagħti kontribut kbir għat-twettiq ta' dan il-pjan. Aħna żguri wkoll li r-Rev.mu Kapitlu lest dejjem biex jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa għal dan l-iskop. Aħna nissuġġerixxu li dan il-Mużew għandu jsir fil-Knisja l-qadima ta' San Ġużepp li hemm fil-Kastell li hija proprjetà tal-Knisja Kattidrali. Bi spiża raġjunevoli u bi ftit ta' rieda tajba min-naħa ta' kulħadd, dan il-proġett għandu jitwettaq malajr u jkun żgur success.

U b'hekk il-Konsagrazzjoni ta' l-Isqof Cauchi tkun tabilħaqq għall-Kattidral tagħna xemx ġdida ta' glorja.


DAPTA 12

Qtar tal-Vitamini

GHAT-TFAL U TRABI

TAJJEB ANKI FIS-SAJF

*MINN GHAND KULL SPIZJAR*



Sejjer tixtri Television?

Mela jekk ma tridx li jiddispjaċik ixtri Television Ġermaniż

**"Schaub Lorenz"**

**(Including interference free for future colour telecasts)**

*Arawhom għand:-*

**G. XUEREB**

54, Racecourse Street, Victoria, Gozo



GOZO TRAVEL

Bl-Ajru jew bil-Baħar, għal kull parti tad-Dinja

**John Portelli Enterprises**

**114, Racecourse Street, Victoria, Gozo**

Tel. 76333

## TLUGH IS-SEMA TA' MARIJA VERGNI

### Patruna Specjali ta' Malta u Għawdex

**Meqjuma fil-Knisja Kattidrali, ir-Rabat, Għawdex**

*Maria Virgo Coelos*
*Ascendit, Gaudete.*

Fil-ħemda tal-qabar — il-Verġni Marija
Imlibbsa s-sbuħija — fis-sliem qed tistrieħ,
L-Appostli madwarHa — bħal ommhom jagħrfuHa,
Minn qalbhom jagħtuHa — kull qima, kull ġieħ.

Lil wiċċHa qed tiksi — tal-mewt mhux is-sfura,
'Mma ġmiel in-Natura — li jferraħ kull żmien;
U ħierġa mill-qabar — ta' fjuri kull rieħa
Li tgħaxxaq bil-fwieħa — 'il-qalb tal-ħolqien.

U meta fix-xefaq — ix-xemx ħamranija
Mixjitha fl-għaxija — ittemm tliet darbiet,
Il-qabar jinfetaħ — miraklu mill-akbar !
Marija mhix aktar — ma' l-għadd ta' l-imwiet.

Għaliex dak il-ġisem — ta' ndafa Fawwara
Li qeda t'għamara — lil Kristu Feddej,
Fit-trab qatt ma kellu — bil-kruha jinkesa,
Jispiċċa u jintesa. - Hekk ried il-Mulej.

Niżlin qtajja' t'anġli — b'wiċċ ħelu, daħkani,
Mis-sema kaħlani — b'kull dija miżbugħ,
Iduru madwarHa — f'dirgħajhom jeħduHa,
Fil-Ġenna jgħolluHa — bil-Ġisem u r-Ruħ.

U f'bieb id-Dejr t'Alla — hemm BinHa jistenna
Biex BiHa jithenna -- biex Hija tgawdiH,
Tron għoli ta' glorja — ħdejn Tiegħu jagħmlilHa
Lil rasHa jżejnilha — bil-ġawhar sabiħ.

Ta' l-Art u tas-Sema — jaħtarHa Sultana,
JagħmilHa setgħana — fuq kollu l-ħolqien,
Il-grazzji tas-Sema — jafdalHa f'idejHa.
Kull min jersaq Lejha -- ma jsibx it-telfien.

Ħallina, Madonna — nifirħu lkoll Miegħek
F'dan l-GĦID glorjuż Tiegħek — f'dal JUM tant għażiż,
Ħu ħsiebna, Madonna — u ilqa' fis talbna,
Stampalna ġo qalbna — lil ISMEK qaddis.

Lejk nersqu, Madonna — b'qalb niedma u sogħbiena,
Kun Int Omm tal-ħniena — f'dal-wied minn tad-dmugħ,
Magħna ieqaf, Madonna — fin-niket, fl-hemm tagħna,
Bħal meta wqaft magħna — fil-biża', fil-ġuħ.

*SLIEMA.* *TARĊISIO L. XERRI.*

**OSTERMILK**

*L-Aqwa Halib*
*Ghat-Trabi*

**BROOKLAX**

*The British Chocolate Laxative*

**Ends constipation overnight**

# KRONAKA TAL-PARROCCA

## Awissu 1966 - 1967

27-8-66: Saret il-Magħmudija ta' William, iben Em. Gatt u Beatrice, imwielda Attard.
28-8-66: Saret il-Magħmudija ta' Mary Grace, bint Spiru Vella u Karmela, imwielda Farrugia.
15-9-66: Saret il-Magħmudija ta' Joseph, iben Victor Camilleri u M'Rose, imwielda Xerri.
20-9-66: Saret il-Magħmudija ta' Jackleen,bint Joseph Grech u Marija, imwielda Tabone.
2-10-66: Mons. Isqof Pace fetaħ il-Vista fil-Knisja Kattidrali.
13-10-66: Saret il-Magħmudija ta' Rożanna, bint M'Anġ Galea u Mary Grace, imwielda Dimech.
30-10-66: Sar it-Tieġ bejn John Grech u Emanuela Theuma.
30-10-66: Saret il-Magħmudija ta' Silvja, bint Tarċisju Mercieca u M'Dolores, imwielda Zammit.
13-11-66: Saret il-Magħmudija ta' Anton, iben Vincenzo Saliba u Josephine, imwielda Bonnici.
20-11-66: Sar it-Tieġ ta' Joseph Stellini u Salvina Cassar.
3-1-67: Saret il-Magħmudija ta' Raymond, iben Joe Zammit u Antonja, imwielda Casha.
4-1-67: Saret il-Magħmudija ta' Frances, bint Anton Zammit u Ċetta, imwielda Agius.
8-1-67: Sar it-Tieġ ta' Joseph Debrincat u Elena Vella.
5-2-67: Sar it-Tieġ ta' Pupul Mejlak u Tarċisja Gauci.
19-3-67 Ħa l-pussess ta' Mons. Penitenzier, il-Profs. Dun Alan Fenech S.Th.D.
20-3-67: Saret il-Magħmudija ta' Mark, iben Reggie Spiteri u Emily, imwielda Cauchi.
9-4-67. IL-KONSAGRAZZJONI TA' L-ISQOF NIKOL CAUCHI.
23-4-67: Ħa l-pussess ta' Mons. Kuġitur Teologu bid-dritt tas-suċċessjoni l-Profs. Dun Ġwann Gauci S.Th.D., J.C.L.
23-4-67: Saret il-Magħmudija ta' Lawra, bint Anton Bezzina u Marija, imwielda Vella.
30-4-67: Sar it-Tieġ ta' Ġużeppi Farrugia u Lwiġa Hili.
4-5-67: Saret it-Magħmudija ta' Mary Rose, bint Lino Saliba u Marija, imwielda Lanzon.
4-5-67: Ħa l-pussess ta' Mons. Kuġitur Dun Ġwann Frendo.
7-5-67: Saret il-Magħmudija ta' Mark, iben Ewkaristiku Grech u Marija, imwielda Camilleri.
14-5-67: Sar it-Tieġ ta' Peter Curmi u Lina Zammit.
28-5-67: Ħa l-pussess ta' Mons. Kuġitur Dun Franġisk Borg.
14-6-67: Saret il-Magħmudija ta' George, iben Carmelo Debrincat u M'Stella, imwielda Callejja.
19-6-67 Saret il-Magħmudija ta' Rebekka, bint Carmelo Vella u Antonja, imwielda Debrincat.
21-6-67: Saret il-Magħmudija ta' Max. John, iben Lewis Xuereb u May, imwielda Vella.
25-6-67: Sar it-tieġ ta' Espeditu Hili u Emanuela Formosa.
2-7-67: Żar il-Kattidral il-Kardinal Antoniutti.
9-7-67: Sar it-Tieġ ta' Vincent Grech u Marija Said.
18-7-67: Saret il-Magħmudija ta' Anna Marija, bint Anton Xerri u M'Roża Grima.
19-7-67 Saret il-Magħmudija ta' Raymond, iben Carmelo Agius u Rożanna Mizzi.
30-7-67: Saret il-Magħmudija ta' Robert, iben John Grech u Veronika Newby.
6-8-67: Sar it-Tieġ ta' Anton Azzopardi u Marija Zahra.
6-8-67: Sar it-tieġ ta' Emanuele Grech u Grace Refalo.

**Trid tkun zgur minn Flusek**

**u li jaghtuk, imghax kbir**

*investihom fin-*

**NATIONAL BANK OF MALTA**

L-Għid ta' l-Assunta — 15 ta' Awissu, 1967. 5

# AKTAR DATI IMPORTANTI FL-ISTORJA TAL-KATTIDRAL

1864 Ġiet imwaqqfa l-arma tal-Papa Piju IX fuq l-ark prinċipali tal-Knisja. Saru wkoll l-istemmi ta' l-Isqof Buttigieg u tal-Kapitlu. Ta' l-ewwel fuq il-kwadru ta' San Pubbliju u l-ieħor fuq dak ta' Sant'Orsla li hemm fil-Kor.

1865 L-altar ta' San Filippu beda jservi għall-altar tas-Sepulkru fil-festa tal-Ħamis ix-Xirka.

1866 Il-Kapitlu stabilixxa s-somma ta' 300 skud fis-sena għall-festa ta' l-Assunta. Indaqqet għall-ewwel darba l-Antifona ta' l-Assunta bil-mużika wara li daħlet il-proċessjoni fil-għodu kif ukoll l-innu wara l-kant tal-Kompieta x'ħin fil-għaxija kienet qegħda tiġi riponuta r-Relikwija.

1865 Fid-29 ta' Jannar il-Kantur Dun M'Anġ Garrone flimkien mal-Kanonċi Dun Saver Formosa u Dun Ġorġ Mercieca, offrew f'isem il-poplu Għawdxi, rigal sabiħ lill-Knisja Kattidrali li kien jikkonsisti f'oġġetti prezzjużi tal-fidda biex jintużaw meta jiffunzjona l-Isqof. Dawn l-oġġetti llum jinsabu fit-teżor tal-Knisja.

1865 L-Isqof Michele Buttigieg fl-Atti tan-Nutar Anton Portelli li jġibu d-data tal-21 ta' Ġunju 1865 jaħtar il-Kan. Dun Gejtan Bondì bħala esekutur testamentarju tiegħu.

1865 Bdiet issir il-priedka ta' l-erwieħ fir-Raba' Ħadd tar-Randan fil-għodu wara l-quddiesa Konventwali.

1865 Bdiet issir il-priedka tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu.

1865 Ġie miżjud il-presbiterju u tkompla bl-irħam.

1865 Ma baqgħux isiru l-priedki fin-Novena tal-Miled. Illum reġgħu bdew isiru.

1865 Ġew imneħħijin il-priedki ta' l-invenzjoni tas-Salib u ta' S. Franġisk di Paola.

1866 Sar Vigarju Kapitulari l-Kan. Dun Pietru Pace.

1866 Ir-Rev.mu Kapitlu jivvota s-somma ta' 2000 skud biex isiru l-Paramenti Pontifikali bojod, ħomor, vjola u suwed.

1866 Il-Knisja Kattidrali b' 250 skud tikseb ħafna paramenti sagri, psalteriji u bosta utensili meħtieġa għas-servizz tal-Knisja.

1866 L-Isqof ta' Mauri Castro Mons. Annetto Casolani, jiġi mistieden mir-Rev.mu Kapitlu biex jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-Kattidral f'għeluq is-sebat ijiem mill- mewt ta' l-isqof Buttigieg.

1866 Il-Qraba tal-mejjet Mons. Annetto Casolani, Isqof ta' Mauri Castro, jibgħatu jroddu ħajr lir-Rev.mu Kapitlu tal-funeral li sar fil-Knisja Kattidrali għar-ruħ l-imsemmi Isqof.

1866 Ir-Rev.mu Kapitlu ħareġ is-somma ta' £8 biex isiru 4 lasti tal-metall indurati bil-fidda għall-erba' lanterni.

1866 Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX jibgħat irodd ħajr lir-Rev.mu Kapitlu u lill-poplu ta' 1315 skud li bagħtulu għall-Obolo ta' San Pietru.

1866 Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX jinkariga lill-Isqof t'Għawdex Mons. Buttigieg biex jagħti Barka Speċjali lir-raba' u fit-18 ta' Frar tas-sena msemmija, il-Kapitlu wara l-Kant tal-Prima, niżel fil-Knisja ta' San Ġakbu bi proċessjoni biex tiġi mogħtija din il-Barka mill-imsemmi Isqof.

1866 Laħaq mazzier tal-Kapitlu s-Sur Salv Attard bil-ħlas ta' 30 skud fis-sena. L-uniformi tiegħu kellha tkun bħal tal-Mazzieri ta' Ruma.

1866 Saru "clips" tar-ram fil-kor, waħdu għas-salib tal-kleru u l-oħra għall-mazza.

1866 Twaħħlu żewġ ritratti fl-Awla Kapitolari l-qadima — wieħed tal-Kan. Dun Pietru Pace, Vigarju Ġenerali, u l-ieħor ta' Sir Adrian Dingli, żewġ persunaġġi li ħadmu bis-sħiħ għat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija.

1866 Twaħħal ir-ritratt ta' Mons. Ant. Micallef fl-Awla Kapitulari.

1867 Il-Kapitlu joħroġ 60 skud biex isir il-gwarniċ ta' l-irħam "giallo di Siena" madwar il-mensa ta' l-altar il-maġġur.

1867 L-Amministratur Apostoliku t'Għawdex, Fra Pawl Micallef, qabel ħalla l-Gżira bagħat lir-Rev. Kapitlu tal-Kattidral ittra ta' radd ta' ħajr tal-koperazzjoni li tah matul iż-żmien li dam imexxi d-djoċesi t'Għawdex.

1868 Il-bews tar-Relikwija li kien soltu jsir fil-festa ta' l-Assunta waqt il-quddiesa Pontifikaliġie ttrasferit għall-festa ta' l-Immakulata billi fil-festa ta' l-aħħar ma kienx issoltu jiffunzjona l-Isqof.

1868 Deputazzjoni tar-Rev. mu Kapitlu bdiet tfassal l-Istatuti tal-Knisja Kattidrali li kienet għadha kemm titwieled bil-għajnuna tal-Kan. Dekan tal-Knisja Kattidrali ta' Malta, Dun Lwiġi Fernandez.

1869 Bdiet it-Terżerija fost il-Kanonċi tal-Knisja Kattidrali. Billi l-Kanonċi tal-Knisja Kattidrali kienu 24, ġew maqsuma fi tliet gruppi ta' 8-il-wieħed.

1869 Il-Kan. Lwiġi Bondì jaqra ndirizz ta' merħba lill-Isqof il-ġdid t'Għawdex, Antonio Grech Delicata.

1869 L-Isqof elett, Dun Anton Grech Delicata, bis-saħħa tal-Bolla Pontifiċja, jagħżel lill-Kan. Dun Gejtan Bondí biex jieħu l-pussess ta' Prokuratur tiegħu u jagħmilha ta' Isqof għal ftit siegħat.

1869 Is-Saċerdot Dun Salv Grech Delicata, li kien jiġi ħu l-Isqof A. Grech Delicata, ġie maħtur Kanoniku Onorarju tal-Knisja Kattidrali.

1869 Il-proċessjonijiet tar-Rogazzjonijiet flok għall-knejjes ta' S. Wistin u S. Franġisk, bdew isiru għall-knejjes ta' S. Ġakbu u ta' Sabina.

1871 Jilħaq Arċidjaknu l-Kan. Dun M'Anġ Garrone li kien ħadem bis-sħiħ għat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija.

1872 It-turġien tat-tron ta' l-Isqof kif ukoll dawk fejn hemm il-bust tal-Papa Piju IX ġew miżbugħin lewn l-irħam.

1872 Għamel żjara lill-Knisja Kattidrali fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija, il-Gvernatur u s-Sinjura tiegħu li kienet tħaddan ir-Reliġjon Kattolika tagħna.

1872 L-Isqof Antonio Grech Delicata jgħarraf lill-Kapitlu tal-Knisja Kattidrali, li l-Papa Piju IX għoġbu jilqa' t-talba tiegħu biex il-Kanonċi tal-Knisja msemmija jużaw il-Buġija fil-quddiesa.

1874 Il-Konfraternità tas-SS. Sagrament titlob lir-Rev.mu Kapitlu għajnuua finanzjarja biex tissokta tagħmel il-festa tal-"Gratias Agamus" fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Ir-Rev.mu Kapitlu jagħti din l-għajnuna taħt ċerti kundizzjonijiet.

1874 Il-Kan. Gejtano Bondì jirregala 6 gandlieri tar-ram għall-artal ta' Sant'Orsla.

1874 Beda jsir bil-mużika l-għasar ta' nhar il-festa tal-Madonna tar-Rużarju minflok il-quddiesa ta' l-istess festa.

1874 Beda jsir bil-mużika l-għasar ta' l-aħħar tas-sena flok dawk tal-Konverżjoni ta' San Pawl u lejlet Lapsi.

1875 Il-Kanonku Dun Salv Farrugia bi flusu jwaqqaf Fondazzjoni perpetwa ta' 15 il-quddiesa Kantata matul il-Kwindiċina ta' l-Assunta.

1875 Il-priedka ta' l-aħħar



tas-sena bdiet issir mill-Kwariżimalista stess.

1876 Ir-Rev. Kan. Dun Mikiel Sammut joħroġ 100 skud għall-gwarniċ tat-tużell ta' Santa Marija.

1876 Il-Fratellanza tad-Duluri tagħmel rikors lir-Rev. mu Kapitlu tal-Kattidral fejn talbitu l-istatwi tal-Misterji tat-Tbatija biex b'kull waħda minnhom issir proċessjoni fir-Rabat f'kull Ġimgħa tar-Randan. Ir-Rev.mu Kapitlu jilqa' din it-talba taħt dawn il-kundizzjonijiet: a) Dawn l-istatwi jittieħdu wara li jkun ġà ilhom tmint ijiem esposti fil-Kattidral għall-qima tal-Fidili; b) l-ispejjeż tat-trasport isir mill-Fratellanza; c) jekk issirilhom xi ħsara, tiġi mħallsa mill-Fratellanza u d) dawn il-kundizzjonijiet jiġu msaħħin b'kuntratt Publiku.

1876 Il-Knisja Kattidrali toħroġ is-somma ta' 15 il-skud għall-vintartal tal-Knisja ta' Sabina.

1877 Jilħaq Vigarju Kapitulari t-Teżorier Dun S. Formosa.

1877 Il-Kan. Teżorier Saver Formosa, Vigarju Kapitulari, ħa l-pussess ta' Prokuratur ta' l-Isqof elett, Mons. Pietru Pace.

1877 Deputazzjoni tar-Rev. mu Kapitlu fil-persuni ta' l-Arċipriet Dun Feliċ Refalo, il-Kan. Dun S. Grech u l-Kan. Kuġitur Dun Karm Sultana marret Malta biex tieħu sehem fil-funeral ta' l-Isqof t'Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Mons. A. Grech Delicata u jakkumpanjawh middar tiegħu sal-knisja ta' Ħal Balzan fejn kellu jiġi midfun.

1877 Mill-mewt ta' l-Isqof Anton Grech Delicata sal-konsagrazzjoni ta' l-Isqof Pietru Pace, biċċa mill-mensa Veskovili ngħatat lill-foqra tad-Djoċesi fuq talba li kien għamel lis-Santa Sede l-Vigarju Kapitulari, il-Kanonku Teżorier, Saver Formosa.

1878 Wara 10 snin tkompliet il-ħidma tat-tfassil ta' l-Istatuti tal-Kapitlu fuq rakkomandazzjoni mħeġġa ta' l-Isqof Mons. Pietru Pace.

1879 Ir-Rev.mu Kapitlu jaċċetta li jagħmel fondazzjoni perpetwa ta' quddiesa soleni għar-ruħ l-Isqof Dun A. Grech Delicata fuq talba li għamlu ħutu, il-Kan. Onor. Dun S. Grech Delicata, u l-Kan. Kap. tal-Kattidral ta' Malta, Dun Giovanni Grech Delicata li kienu l-Esekuttivi Testamentarji tal-mejjet ħuhom biex hekk titwettaq ix-xewqa ta' dan l-Isqof kif ħalla bil-miktub fit-Testment tiegħu li jinsab fl-Atti tan-Nutar Kristoforo Frendo bid-data ta' l-4 ta' Marzu 1879. Għal dan l-iskop, it-testatur ħalla r-renta ta' 12/6 fis-sena.

1880 Ġie maħsub li jinbena palazz ta' l-Isqof ħt-telgħa tal-Kastell. L-idea ġiet imwarrba mħabba l-ispejjeż kbar li jridu jsiru għal dan l-iskop. Issir talba lis-S. Sede biex jinkiseb il-Palazz tal-Familja Bondì għar-residenza ta' l-Isqof.

1880 Ir-Rev.mu Kapitlu jħallas 30 skud għat-tpinġija tal-kwadru ta' l-Isqof Pietru Pace.

1880 L-Isqof Pietru Pace fl-10 ta' Frar ta' din is-sena jibgħat ittra lill-Kapitlu biex iwaqqaf Kanonikat bil-piż li jgħallem b'xejn l-iskola lill-abbatini li minħabba s-servizz li jridu jagħmlu fil-Knisja, ma jkunux jistgħu jmorru la l-iskola tal-gvern u l-anqas is-Seminarju.

1882 F'Ottubru, il-knisja Kattidrali ħallset l-ewwel pagament ta' 300 skud lill-familja Bondì għall-Palazz li ċediet għar-residenza ta' l-Isqof t'Għawdex skond kif ġie maqtugħ fl-Atti tan-Nutar Feliċ Cremona ta' l-20 ta' Awissu 1881.

1882 L-Isqof Pietru Pace, fuq il-parir tar-Rev.mu Kapitlu jaħtar bħala assistent direttur tal-Mużika tal-Kappella lill-Kan. Dun Ġorġ Mercieca. Id-direttur f'dawn iż-żminijiet kien is-Sur Adriano Lanzon. Minħabba din il-ħatra ġdida, is-Sur Akilli Lanzon ma baqax jagħmilha ta' Assistent Direttur.

1882 Ir-Rev.mu Kapitlu jitlob lill-Gvernatur biex minfloku jibda jieħu ħsieb hu d-dawl, il-banda u t-tiġrija li kull sena kienu jsiru fil-festa ta' l-Assunta.

1883 Bdiet issir il-priedka u l-proċessjoni tal-Madonna tar-Rużarju.

1884 Ġie miżbugħ is-saqaf kollu tal-Knisja.

1884 Sar it-tużell tal-festa ta' Santa Marija.

1884 L-Isqof Pietru Pace jġib Reskritt li bih jagħti l-l-fakultà għal ħames snin lill-Kanonċi kollha tal-Knisja Kattidrali biex ibierku l-ħwejjeġ u oġġetti għas-servizz tal-Knisja.

1886 Ir-Rev.mu Kapitlu joħroġ is-somma ta' £60 biex issir il-pittura ta' l-erba' lunetti mill-pittur Cortis.

1886 Ir-Rev.mu Kapitlu joħroġ is-somma ta' £17 biex isir l-irħam madwar il-kwadru tal-Madonna fil-Kappella tas-Sagrament.

1885 Il-Kan. Teologu Dun Ġużepp Mizzi D.D., isir Arċidjaknu tal-Knisja Kattidrali.

1889 L-Arċidjaknu Dun Ġ. Mizzi D.D. jieħu l-pussess ta' prokuratur ta' l-Isqof elett Camilleri.

1890 Is-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, il-Kardinal Rampolla b'ittra tas-6 ta' Ġunju jgħarraf lill-Kapitlu li l-privileġġ tal-kuda fl-Alba li l-Kanonċi jgawdu għandu jispiċċa. Jibqa' sal-mewt fost il-Kanonċi attwali l-privileġġ tal-pellegrina u s-suttana binnofs komma doppja bħal dik tal-Kappillani. Iżda l-Kanonċi ġodda li jsiru ma jkollhomx dan il-privileġġ ta' l-aħħar.

1892 Il-Papa Leone XIII permezz ta' Brevi li jġib id-data ta' l-20 t'Awissu 1892 jagħti l-Kanonċi tal-Knisja Kattidrali s-suttana fillettata.

1893 Bdiet issir quddiesa Pontifikali fil-festa ta' l-Immakulata.

1893 Ir-Rev.mu Kapitlu bil-persuna tas-Sur M'Anġ Mizzi jagħmel talba Ruma biex il-Kanonċi tal-Kattidral t' Għawdex ikunu mżejna bl-istess privileġġi li bihom huma mżejnin il-Kanonċi tal-Kattidral ta' Malta. Għal dan l-iskop, ir-Rev.mu Kapitlu joħroġ is-somma ta' £32.

1893 L-Isqof G. Camilleri, O.S.A. jingħaqad ma' pellegrinaġġ Malti biex f'isem ir-Rev.mu Kapitlu u l-poplu Għawdxi jwassal l-Awguri lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljuni XIII fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda Episkopali Tiegħu.

1894 Isir il-gwarniċ ta' l-irħam tal-kwadru ta' l-Appostli bil-flus li ħalla għall-knisja Kattidrali l Kavallier Vincenzo Bugeja.

1895 Il-Kapitlu ta deċiżjoni li jagħmel apparat ġdid għall-festa Pontifikali ta' S. Marija.

1895 Ir-Rev.mi Kanonċi tal-Knisja Kattidrali jħallu minn jeddhom nofs id-distribuzzjoni korali biex tkun ta' għajnuna finanzjarja ħalli jsir l-apparat irrakkmat għall-festa ta' l-Assunta.

1895 Ġie restawrat l-orgni l-qadim tal-Knisja Kattidrali.

1895 Intemm xogħol ta' skultura fil-ħitan tal-kor li ħallas għalih il-Kan. Cutajar Gius. Cremona.

1896 Saret għall-ewwel darba fil-Knisja Kattidrali Quddiesa Solenni għar-ruħ il-mejtin li ħallew ħajjithom fl-Assedju ta' l-1565. Ir-Rev.mi Kanonċi assistew mill-kor għal din il-funzjoni funebri.

1896 Saret l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

1897 L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ġiet imdawra għall-ewwel darba fil-proċessjoni ta' l-ewwel Ħadd t'Ottubru. Saritilha n-niċċa fuq l-altar ta' l-Oratorju.

1897 Saret l-antiporta tal-Bieb tal-knisja Kattidrali.

1898 Jagħmel l-ewwel Quddiesa Solenni fil-Knisja Kattidrali, is-saċerdot Novel Dun Ġjaċint Micallef fit-2 ta' Jannar.

1899 Il-Pulizija tiċħad lir-Rev.mu Kap. tal-Knisja Kattidrali d-dritt u l-permess li jissokta jidfen fil-knejjes ta' S. Sabina u ta' S. Barbara. Ir-Rev.mu Kapitlu jaħtar Deputazzjoni fil-persuna ta' l-Arċidjaknu Dun Ġ. Mizzi, ta' l-Arċipriet Dun Feliċ Refalo u tal-Kan. Kap. Dun S. Grech biex jipprotestaw kontra din id-deċiżjoni tal-pulizija.

1899 Saret l-arma ta' l-Isqof Pietru Pace, f'dak iż-żmien Arċisqof ta' Malta, fuq il-bieb minn fejn l-Isqof jidħol għall-Awla Kapitulari l-ġdida.

1899 Ir-Rev.mu Kapitlu ħa l-pussess fl-Awla Kapitolari l-ġdida.

1900 Ir-Rev.mu Kan. Dun Salv Grech ġie awtorizzat biex jixtri d-drapp u l-infor-ra għal 36 mitra.

1900 Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljuni XIII jagħti lir-Rev.mi Kanonċi l-użu tal-mitra.

1900 Iżżanżan l-armar tal-Kappella tas-Sepulkru maħdum fuq id-disinn tal-Mons.

**ikompli paġna 6**

# Aktar Dati Importanti fl-Istorja tal-Kattidral

jaqbad minn paġna 5

Dekan Gius. Farrugia.

1901 Il-knisja Kattidrali tagħti lill-Mons. Teol. Luiġi Vella, is-somma ta' £10 għat-tkabbir tal-Knisja ta' Sabina.

1901 Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Kattidrali jagħti l-kunsens biex jiġu mdaħħlin fil-Kalendarju Djoċesan Santa Rita ta' Cascia u Santa Roża ta' Viterbo.

1901 Ir-Rev.mu Kapitlu jiċħad talba li għamillu l-Gvern biex jikseb lapida għall-Mużew li fuqha kien hemm skrizzjoni antika u li nstabet fil-pedamenti tal-knisja antika ta' Sabina.

1901 Ir-Rev.mu Kapitlu jitlob lill-Gvern biex il-lapida li kien hemm taħt il-mina ta' S. Anna tiġi mneħħija u mogħtija lura lill-Knisja Kattidrali

1901 L-Isqof Camilleri jitlob lill-Papa d-definizzjoni Dommatika tat-Tlugħ fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Madonna. Ir-Rev.mu Kapitlu, wara li rċieva ittra mill-imsemmi Isqof fuq l-istess suġġett, jagħmel l-istess talba.

1901 Ir-Rev.mu Kapitlu jagħmel talba lis-Santa Sede biex ikun jista' jagħmel użu mill-kuda tal-Kappa Manja fil-funzjonijiet solenni.

1902 Saret uniformi ġdida tal-Mazzier.

1902 Saru pavaljuni ġodda tad-damask għall-arkaturi tan-navi.

1902 Restawrar tal-pittura li tinsab fl-arkijiet ta' ġew tan-Navi.

1902 Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Kattidrali joffri lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. P. Pace J.C.D., kalċi tal-fidda fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda Episkopali Tiegħu. L-imsemmi Arċisqof iċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-Knisja Kattidrali li ġiet imżejna bħal fil-festi kbar u wara tkanta t-'Te Deum' bħala radd ta' ħajr.

1902 Twaħħal il-kwadru ta' l-Isqof Giov. Camilleri fl-Awla Kapitulari.

1903 Ir-Rev.mu Kapitlu jagħmel petizzjoni lill-Isqof Giov. M. Camilleri O.S.A. biex il-festa ta' San Ġużepp fl-okkażjoni tas-Sinodu l-Ġdid tiġi mgħollija għall-festa doppja.

1903 Fix-xahar ta' Ottubru beda jingħad ir-Rużarju fil-għaxija u tiġi mogħtija l-Barka Sagramentali.

1904 Saret festa solenni f'ġieħ it-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija biex tfakkar għeluq il-50 sena mid-definizzjoni Dommatika ta' l-Immakulata. Il-knisja ġiet imżejna bħal fil-festa ta'l-Assunta. L-Għosrien ta' lejlietha u nharha kif ukoll il-Quddiesa Pontifikali saru bil-mużika u minn dak in-nhar 'l hawn, il-paniġirku beda jsir wara l-Vanġelu u mhux wara l-quddiesa konventwali bħal qabel. Ir-Rev.mu Kapitlu fuq stedina tal-Patri Gwardjan Ġorġ Farrugia O.F.M.C. ħa sehem fil-festi ta' l-Immakulata li saru fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali fil-11 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

1904 Il-Kanonċi tal-Kattidral kisbu t-titlu ta' Monsinjuri bit-taħbit ta' Avv. Cremona u tal-Kan. Taljan Signor Pietro Azzurri.

1904 Kien ix-xahar ta' Ġunju meta l-Isqof Camilleri wera x-xewqa li l-Kanonċi kollha jkunu obbligati għall-kor lejlet Santa Marija fil-għodu — xewqa li twettqet f'dik l-istess sena.

1904 Ir-Rev.mu Kapitlu ħa deċiżjoni li l-erba' ġmiemen tal-faldrappa li fuqha jkun hemm il-katavru ta' xi qassis tal-Venerabbli Kongregazzjoni tas-Saċerdoti jiġu merfugħin minn erba' monsinjuri tal-Kattidral.

1904 Ġie stabbilit li l-festi tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Kattidral isiru bil-kant Gregorjan biss u mingħajr mużika.

1904 Il-Brevi Apostolika tat-13 ta' Ġunju 1904 li jġib il-firma tal-Kardinal Luigi Macchi tagħti lill-Kanonċi tal-Kattidral l-użu tas-sutta-na vjola tal-ħarir għas-sajf u dik tas-suf għax-xitwa.

1905 Is-sollennità Esterna ta' San Filippu Neri, Patrun tal-Kongregazzjoni tas-saċerdoti mwaqqfa fil-Knisja Kattidrali bdiet issir fil-Knisja msemmija fl-ewwel Ħadd battal ta' wara s-26 ta' Mejju bis-saħħa ta' reskritt tas-S. Sede.

1905 Iċ-Ċeremonier ta' l-Isqof Dun Franġisk Azzopardi ġie awtorizzat biex jagħmel tabella tal-granet li fihom il-Kanonċi għandhom jużaw il-mitra.

1905 Is-Surmast tal-kappella tal-Kattidral, Dun Vincens Bugeja ġie ordnat biex jaġġorna l-mużika skond il-"Motu Proprio" ta' S. Piju X.

1906 Fit-30 ta' Settembru, ir-Rev.mu Kapitlu jwaqqaf Biblijoteka ta' kotba kanonċi u liturġiċi u joħroġ £3 għal dan l-iskop.

1906 Ir-Rev.mu Mons. Arċipriet Feliċ Refalo joħroġ minn butu s-somma ta' flus meħtieġa biex isir id-damask tal-friż kollu tal-Knisja Kattidrali.





SPEL 65

L-aqwa Washing Powder li tista' tixtri

Il-Faccati ta' SPEL 65 jinbidlu ma' l-aqwa u l-irħas rigali għand:

EMANUEL BONELLO

10, FRA DIEGU STREET, MARSA

Branch: 7, Triq Santa Lucija, il-Belt

Ċemplu: 26452

D'AMATO DISC (DISKI MALTIN)

In-Nisa Kollha Xorta — Il-Barmaid
Id-Dota Ta' L-Għarusa — Għaliex Ma Iżżewwiġtx
Xebgħa Frosta Lin-Nisa — Xebgħa Frosta Lill-Irġiel
Il-Qerq Tan-Nisa — Għanja Lis-Sajf
Lucia Ta' Lammermur (Parti 1—2)
Pia De Tolomei (Parti 1—2)
Ix-Xbejba Ta' Rdum (Parti 1—2)
Lieni L-Karkariża (Parti 1—2)
Iż-Żaqqieq — Għanja Lin-Namrata
X'Aħna Sbieħ Min Jaf Jarana (Parti 1—2)
Ġenoveffa (Parti 1—2)
Kontradanza Maltija — Maddalena
Il-Mara U X-Xitan — Festa F'Raħal
Ilbies Skullat — Ix-Xħieħ
Il-Mara Ħalja (Parti 1—2)
Toni Bajada (Parti 1—2)
Għanja Bejn Tnejn (Parti 1—2)
L-Istorja Ta' L-Imsejken Ġiuseppi (Parti 1—2)
Ajma Żaqqi Kemm Ksuħat — Tgħajjira Lin-Namrata
Gio Marija Kassja (Parti 1—2)
Il-Brigant Kalabriż (Parti 1—2)
Edgardo Fuq Il-Qabar Ta' Elvira (Parti 1—2)
Destin Ingrat — Mgħallem Żidni Għax Għarus
Xalata Għal San Pawl — Tgħajjira
L-Istorja Ta' Arturo U Marija (Parti 1—2)

*Jistgħu jintbagħtu bil-posta facilment minn għand:*

ANTHONY D'AMATO

98-99 ST. JOHN'S STREET, VALLETTA, Phone 24348

# PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI

## TAT-TLUGĦ FIS-SEMA

# TAL-B. VERGNI MARIJA

## Padruna Principali tad-Djocesi t'Ghawdex

## FIL-KNISJA KATTIDRALI

FESTI TA' ĠEWWA

Kwindiċina: Mit-30 ta' Lulju sa l-10 t'Awissu, fl-Ave Marija jibda r-Rużarju, Quddiesa, Predika mir-Rev. Dun M. Anġ Apap, Kurunella ta' l-Assunta, Litanija, Tantum Ergo u Barka Sagramentali. Mill-31 ta' Lulju sa l-14 t'Awissu, fis-6.30 a.m. Quddiesa Solenni bil-Vuċijiet preżenti l-Kapitlu.

Il-Ġimgħa, 11 t'Awissu: Fis-6.30 a.m. Quddiesa Kantata bil-vuċijiet. Fis-5.45 p.m. Quddiesa Letta bid-Djaknu u l-Lettur għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa minn Santa Marija tas-sena l-oħra. Fiha jsiru offerti ċkejknin ta' flus mill-qraba tal-mejtin. Fis-6.45 p.m. Għasar u Kompieta Kantati, priedka mill-Patri Kristinu Cini O.S.A., Innu, Antifona, Tantum Ergo bil-mużika u Barka Sagramentali.

Is-Sibt, 12 t'Awissu: Fis-5.45 p.m. Quddiesa Letta bid-Djaknu u l-Lettur għat-teenagers tal-Parroċċa. Fiha jinqara appell minn żagħżugħ lix-xebbiet u ieħor minn tfajla lill-guvintur. Isiru wkoll offerti ta' oġġetti li jużaw ta' spiss it-teenagers. Il-bqija kollox bħall-jum ta' qabel.

Il-Ħadd, 13 t'Awissu: Fit-8.00 a.m. Quddiesa Letta għal kull klassi soċjali ta' nies fil-p a r r o ċ ċ a. Fiha jinqraw appelli qosra minn missier, omm, ħaddiem, għarus, għarusa, aspirant għas-saċerdozju u tifel. Isiru wkoll offerti ċkejknin ta' flus. Fl-4.00 p.m. Għasar u Kompieta kantati u kollox bħall-ewwel jum tat-Tridu.

It-Tnejn, 14 t'Awissu, Lejlet il-Festa: Fil-għodu wara l-quddiesa tal-Kwindiċina, Te Deum bil-mużika. Fil-5.00 p.m. Daħla solenni ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikola Cauchi, Ph.D., Lic.Sc.Soc., fil-Kattidral fejn jiġi milqugħ mir-Rev.mu Kapitlu. Translazzjoni u Għasar Pontifikali, Kant tal-Kompieta u tal-Litanija tal-Madonna u Barka Sagramentali.

It-Tlieta, 15 t'Awissu, Jum il-Festa: Fis-6.15 a.m. Konċelebrazzjoni: L-Eċċ. Tiegħu Mons. N. Cauchi, Amm. App. għal Għawdex flimkien mar-Rev.mu Kapitlu. Fit-8.30 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Solenni Pontifikali mill-imsemmi Isqof li fiha jinseġ l-Omelija ta' l-Assunta. Wara l-Pontifikal l-Isqof Cauchi jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Fl-4.30 p.m. Quddiesa letta u wara Għasar solenni bil-mużika, proċessjoni mmexxija minn Mons. Isqof Cauchi,


**DORIS JEWELLERY**

**41, St. Andrew Street,**

and

**79, Vajringa Street,**

**Victoria**

*All kinds of Fancy Jewellery in Silver, Gold & Diamond, Silverware, Watches Chalices and other Articles for Religious Service.*






Antifona, Tantum Ergo u Trina Barka Sagramentali.

Fil-ġranet tat-Tridu u tal-Festa, il-mużika tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Rev. Mons. J. Debrincat, Maestro di Cappella.

FESTI TA' BARRA

Il-Ġimgħa, 11 t'Awissu: Fl-10.00 a.m. ħruġ min-niċċa ta' l-Istatwa ta' l-Assunta fost spara mill-Gran Kastell.

Il-Ħadd, 13 t'Awissu: Fil-5.30 p.m. Marċ mill-B a n d a "Prekursur" tax-Xewkija mill-pjazza tal-Kattidral għall-Każin tal-Banda Leone. Fit-8.30 p.m. Dimostrazzjoni Solenni mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittorja bl-Istatwa ta' l-Assunta. Jieħdu sehem il-Banda "Leone" li żżanżan sett ta' marċi ġodda u l-Banda "Victory" tax-Xagħra. Fi triq it-Tiġrija logħob tan-nar minn Anton Cilia. F'misraħ it-Tokk il-Banda "Leone" iddoqq Ave Marija kantata mill-poplu waqt it-tlugħ ta' l-istatwa fuq il-pedestal. Wara logħob tan-nar.

It-Tnejn, 14 t'Awissu, Lejlietha: Fid-9.00 a.m. Marċ brijuż mill-Banda "Leone" mill-Każin għat-Tokk u lura għall-Każin. Fl-4.30 p.m. Marċ mill-Każin għall-Kattidral mill-banda "St. Joseph" tal-Ħamrun li tkompli ddoqq waqt it-Translazzjoni. Fis-7.00 p.m. Marċ Trijonfali mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittorja mill-Baned "Leone" u "St. Joseph" tal-Ħamrun. Fl-10 p.m. Programmi mużikali mill-Baned "Leone" u "St. Joseph" tal-Ħamrun fit-Tokk. Il-banda "Leone" ddoqq l-Innu 'A Maria Assunta'. Fil-11.00 p.m. Logħob tan-Nar fi Pjazza Sabina.

It-Tlieta, 15 t'Awissu, nhar il-Festa: Fit-8.00 a.m. Marċ mill-Banda "St. Joseph" ta' Għajnsielem mill-Każin għall-Kattidral u lura. Fl-10.00 a.m. Marċ popolari mat-toroq prinċipali mill-Banda "St. Joseph" tal-Ħamrun. Fit-2.45 p.m. Tiġrija Tradizzjonali ta' S. Marija. Premjijiet tazzi sbieħ. Fl-4.30 p.m. Marċ mill-Banda "St. Joseph" t'Għajnsielem mill-Każin għall-Kattidral. Fil-5.00 p.m. Marċ mill-Banda "La Vallette" tal-Belt mill-Każin għal Triq it-Tiġrija fejn tiltaqa' mal-Banda "St. Joseph" tal-Ħamrun u jibqgħu sejrin lejn il-Kattidral. Fil-5.30 p.m. Marċ mill-Banda "St. Catherine" taż-Żurrieq mill-Każin għat-Tokk u mbagħad għall-Pjazza Sabina. Fis-7.00 p.m. Programmi mużikali fit-Tokk mill-Baned "La Vallette" u "St. Joseph" tal-Ħamrun u l-Banda "St. Catherine" taż-Żurrieq tesegwixxi programm fi Pjazza Sabina filwaqt li l-Banda 'Leone' takkompanja l-purċissjoni b'innijiet u kant tat-tfajliet. Isir logħob tan-nar waqt il-ħruġ u d-dħul tal-Purċissjoni. Fid-9.30 p.m. Marċ b'mixgħela 'A La Venezjana' mill-Banda Victory tax-Xagħra li wara tesegwixxi programm mużikali fit-Tokk.

---

Fl-14 u 15 t'Awissu, il-Banda "Leone" taħt id-direzzjoni tas-Surmast J. Sammut, fost bċejjeċ oħra ddoqq il-famuż Innu "A Maria Assunta" tas-Surmast O. Crescimanno b' versi tal-Markiż R. Barbaro di S. Giorgio. Jieħdu sehem kor ta' tfajliet, it-Tenur J. Farrugia u l-Baritonu A. Vella Bondin.

---

N.B. Nhar it-13, 14 u 15 ta' Awissu jkun hemm Luminazzjoni ġenerali fil-Belt Vittorja maħduma minn A. Mampalao. Ikun hemm ukoll spettakli kbar tan-nar ta' l-art u ta' l-ajru. Id-dilettanti tan-nar tas-Soċ. Fil. "Leone" joffru l-ikbar u l-isbaħ spettaklu tan-nar li qatt sar Għawdex.

---

Nhar Santa Marija l-"Imperial Eagle" ser jagħmel TRIP EXTRA. Fid-9.30 p.m. jitlaq mill-IMĠARR.




-it never varies

SOLE DISTRIBUTORS:

MESSRS. P. CUTAJAR & Co. LTD.

12, St. Paul Street, Valletta

# IL-KWADRU TA' S. FRANĠISK DI PAOLA

jaqbad minn paġna 1

inkwadru tiegħu hu ta' pittura tajba u devota".

Fl-istess manuskritt insibu li fl-istess knisja l-kwadru ta' l-Appostli qegħdin jitqarbnu minn idejn l-Imgħallem tagħhom Ġesù hu xogħol il-pittur D'Arena. Li kien jaf li D'Arena pitter dak ta' San Franġisk di Paola, żgur li De Soldanis ma kienx sejjer jinsa jniżżel ismu, kif ma nesiex isemmi lil D'Arena dwar il-kwadru tal-Appostli fiċ-Ċenaklu.

Storiku ieħor li għex fis-seklu l-ieħor, Achille Ferris, isemmi wkoll dan il-kwadru, u jgħid f'parentesi li hu maħsub jew emmnut li tpitter minn D' Arena. L-inqas dan ma qal xejn b'ċertezza. Anzi wera d-dubju li kien jeżisti dwar il-kwadru mitt sena ilu. Min-naħa l-oħra l-Kanoniku Vincenzo Caruana, biex ma nsemmix oħrajn li għexu qablu, igħidilna li l-kwadru ta' San Franġisk di Paola hu pittura ta' D'Arena, imma, għalkemm dan kiteb hekk fl-1905, ma jtiniex ħjiel wieħed mnejn ġab din it-tagħrifa.

Żewġ manuskritti qodma fil-Bibljoteka ta' Malta, li jiena qallibt folja folja, ma jsemmuhx il-kwadru, u dawn jitkellmu biss minn kwadri tal-pittura fil-Gżejjer Maltin u minn min pittirhom. F'wieħed mill-manuskritti, jiġifieri f'dak Numru 1123 Folja 58 fejn jissemmew ix-xogħlijiet ta' D'Arena f'Għawdex, nltaqgħu ma' tnejn — dak taċ-Ċena ta' Kristu ma' l-Appostli fil-Knisja Matriċi u l-ieħor ta' San Lażżru fil-Knisja Parroċċa ta' San Ġorġ. Il-manuskritt l-ieħor isemmi biss dan il-kwadru taħħar, li tpitter qabel dak li juri ċ-Ċena.

Għalkemm dan il-kwadru jqajjem dubji dwar il-veraċità tal-awtur, dan xejn ma jitlef la mill-ġmiel u l-inqas mill-qedem. U jekk ma pittrux Giuseppe d'Arena, setgħet kienet id aqwa minn ta' Ruman.

Il-pittura turi wieħed mill-mirakli li jixhed il-qdusija ta' San Franġisk di Paola, il-fundatur ta' l-Ordni Reliġjuż, imsejjaħ tal-Minimi. Bniedem qaddis li għex matul is-seklu Ħmistax, San Franġisk di Paola miet fit-2 t'April, 1508, u ħdax-il sena wara l-Papa Leone X iddikkjarah qaddis f'bolla li fiha l-Papa kiteb sentenza, li darba kien qal il-qaddis stess: "Il-ħlejjaq kollha jobdu lil dawk li jaqdu 'l Alla b'qalb perfetta".

Il-miraklu li laqat lill-pittur hu dak miktub fil-lezzjoni mqassra li s-saċerdoti jaqraw fil-Matutin tal-festa ta' dan il-qaddis.

"Alla ta xhieda tal-qaddej tiegħU permezz ta' ħafna mirakli. L-akbar fosthom hu dan — meta San Franġisk (minn art twelidu) ried imur Sqallija, il-baħrin (tal-bastiment) ma riedux magħhom, għalhekk Alla firex il-mantell (ta' dan il-qaddis) fuq il-ħallel (tal-baħar) u flimkien mal-qaddej tiegħu wasslu (fl-art mixtieqa)".

San Franġisk di Paola miexi fuq baħar imqalleb bir-rgħawwa tfawwar bajda bajda ma' l-istess barma tal-mewġ. Waqt li qed iħares lejn is-Sema, il-qaddis jagħraf il-kobor t'Alla fl-għeġubijiet tiegħU. Fil-kwadru l-art u l-baħar jixxejnu għaliex il-pittur ried joħroġ il-qawwa t'Alla f'wiċċ San Franġisk di Paola. Huwa wiċċ li jikxef is-saħħa tar-ruħ u tal-ġisem, wiċċ kemmxejn qamħi li jagħti f'dak il-lewn ħamrani li bih tagħnina x-xemx li tisreġ fuq dan il-baħar, meta tmiss ma' ġilda rqiqa, li qed titkemmex bis-snin. Tingħaraf ix-xjuħija mix-xagħar li jgħib għal xejn minn fuq ġbinu u mill-leħja, bajda daqs il-qoton. Il-libsa, għalkemm skura, tinqala' tajjeb ħafna, għaliex l-għajnejn li jiflu, jiġru malksur tagħha, imtajra bir-riħ li qed jonfoħ, u bit-truf wieqfa, sabiex il-pittur juri li t-tixrib tal-ħallel, ir-raxx tal-baħar, ma kellux saħħa fuqha.

B'idu x-xellugija l-qaddis qed iżomm bastun — sinjal ieħor tax-xjuħija u ta' fundatur ta' Ordni — u mit-tarf tiegħu jfiġġ dawl qawwi bil-kelma "Caritas" fin-nofs. Tidher din il-kelma, li tfisser imħabba, għaliex San Franġisk di Paola għażel l-imħabba bħala simbolu ta' l-Ordni tiegħu. Kienet l-imħabba t'Alla li xegħlet qawwija f'sidru u li b'ħeġġa kbira xegħel f'qalb il-bniedem.

Figura oħra hija dik ta' l-anġlu sabiħ li qed iwieżen lil San Franġisk jaqsam il- baħar — anġlu mlibbes l-abjad, b'nofs sidru u dirgħajh mikxufa. Dawn flimkien ma' l-għadma ta' l-ispalla tal-lemin ta' l-anġlu u l-pala ta' l-istess id madwar il-qaddis jitkellmu waħedhom mis-sengħa tal-pittur. Il-libsa bajda tittawlilna wkoll bejn il-qadd u l-id ix-xellugija tal-qaddis, moħbija b'mant jagħti fil-lila, imtajjar ukoll bir-riħ.

Il-fattizzi ħelwin ta' l-anġlu, li ma juriniex ħbub għajnejh, għaliex il-qdusija ta' San Franġisk għandha tegħleb kollox f' dan il-kwadru, b'xagħar mifruq u b'erba' ħajtiet xagħar, li tbegħdu minn ħuthom, li qegħdin jitliegħbu u jduru ma' ġbinu, ifakkruni f'anġli mpittrin minn artisti kbar li għexu bejn ħamsa u erba' sekli ilu. Fuq il-lemin, il-ġewnaħ hu milqut mid-dawl, aktarx tal-ftit li fadal ħiereġ mis-sħab.

U t-tielet figura hi dik ta' sieħeb San Franġisk di Paola — patri ieħor, b'rasu mgħaddsa fit-tonka, iħares 'l isfel lejn il-fond tal-baħar, u mhux il-fuq bħall-qaddis. Dan juri l-biża' li qabdu u li jingħaraf aħjar kif nintebħu li l-qaddej qed iżomm mal-kordun ta' San Franġisk — kordun miġbud bis-sħiħ safejn tilħaq id il-patri, u mbagħad mitluq għal kollox. Dan il-kordun, li bħalu niesna devoti ta' dan il-qaddis kienu jxiddu billi kienu mxierkin f'għaqda li twaqqfet fl-1737, ġibed lil dak il-patri mitlefa f'baħar imgħaddab.

B l a xagħar u mgħaddam bħall-qaddis, sieħbu huwa l-figura ta' età avanzata ħafna, imma għalkemm imbeżża' m' hemmx sfura fuq ħaddejh. Il-lewn tal-ħajja ma jgħibx, għaliex f'siegħa kerha bħal dik, dak il-patri jaf is-saħħa lill-qaddis. Jagħtina ideja dan il-kwadru ta' dak li min jimxi ma' min ifittex, isib u jara 'l Alla, ma jintilef qatt.

X'naraw fl-isfond tal-kwadru li qiegħed hemm biex igħin din il-ġrajja? Naraw is-sema msaħħab b'dalma, iżda l-arja tat-tempesta ma serqittx l-ikħal għal kollox. Aktarx l-artist inqeda bil-lewn naturali tas-sema sabiex jikser il-ħxuna u jtaffi l-qawwa tad-dalma li tistor l-arja kullimkien. Tidher ukoll l-art, dik ta' Messina, h e k k għandna naħsbu skond l-istorja — art blatija, kif tidher meta, qabel jidlam jew jisbaħ, tilmaħha sa torqod jew tistenbaħ fuq il-fliegu ta' bejn Sqallija u Messina.

Fuq il-lemin, kif inħarsu, nilmħu d-dgħajsa li fiċ-ċokon tagħha, bil-qala' bajda mtella' u mimlija bir-riħ, tinbixna sabiex nifluha. U ġewwa fiha baħrin fuq xulxin, f'dik iddagħdiegħa ta' baħar li jrid jiblagħha. U dak il-mewġ, ibajjad bir-ragħwa taħt riġlejn sieħeb il-qaddis, jagħtina ħjiel li l-art mhix bogħod, għaliex meta l-baħar jitqalla' u jimbaram iżjed bil-qilla — dan ikun ifisser li sab xi sikka — xi blat moħbi li darba kien biċċa mill-istess art.

Dan hu l-kwadru ta' San Franġisk di Paola. Kwadru li fih pittura "tajba u devota", kif igħidilna l-istoriku De Soldanis. U meta tmorru sal-Knisja Kattedrali tagħna, tinsewx tħarsu lejh, u titolbu lil dan il-qaddis.

Ta' min jiftakar li f'dik il-pittura jinsabu stampati eluf t' għajnejn li kienu jħarsu lejh, meta kienu jgħadhom ileqqu bil-ħajja, għaliex fl-imgħoddi niesna kienu jintefgħu f'riġlejn dan l-altar jitolbu lil San Franġisk di Paola — il-qaddis umli, il-qaddis li ħabb u li, bħal Kristu, mexa fuq il-mewġ tal-baħar.


# X'INHU L-AUROFAC?

L-Aurofac huwa medicina, jew aħjar sustanza, f'għamla ta' trab fin ħafna kannella car li għandu jiġi miżjud u mħallat ma' l-għalf ta' l-annimali.

# X'EFFETT GHANDU L-AUROFAC?

L-Aurofac għandu fih il-medicina "Aureomycin" li għandha s-saħħa trażżan kull xorta ta' mikrobi li jattakkaw l-annimali u għaldaqstant l-Aurofac igħin b'mod ta' l-għaġeb biex inaqqas il-mard mill-annimali. Barra minn hekk l-Aurofac għandu Vitamin B 12 li tagħti s-saħħa u li ttejjeb il-produzzjoni ta' l-annimali, sew jekk dawn ikunu tjur tal-bajd jew għal-laħam, majjali, jew baqar tal-ħalib.

## LOTTERIJA TA' L-AUROFAC TA' £40

Fil-Lotterija ta' l-Aurofac ser jingħataw erbgħin lira mqassmin f'żewġ premjijiet ta' għoxrin lira l-wieħed. Premju għal dawk li jużaw l-Aurofac f'Malta u premju għal dawk li jużaw l-Aurofac f'Għawdex.

**MA JKUNX "AUROFAC" JEKK MA JAGHTIKOMX KUPUN GHAL KULL "KWART" AUROFAC LI TIXTRU**

Aġent waħdani:

**C. de Giorgio**

**39 - 40, South Street, il-Belt**

# Opri Ġodda għall-Festa ta' Santa Marija

Il-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex hija marbuta bi sħiħ mal-qlub ta' l-Għawdxin kif ukoll ta' ħafna Maltin li sa minn dejjem jiġu b'għadd kbir sabiex igawdu u jifirħu f'din il-festa Nazzjonali tal-Gżira Għawdxija.

Il-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex għandha ħafna kulur karatteristiku u għalhekk mas-snin baqgħet tikber fil-popolarita' u tkun mistennija bħala avveniment kbir tal-Gżira tat-Tliet Muntanji.

*Minn Koli Apap*

Sabiex nuru kemm hi kbira l-festa ta' Santa Marija t'Għawdex m'hemmx għalfejn ħafna tqanżih u sforzi għax dan hu fatt ta' storja u ma jistax ikun mod ieħor meta ċ-ċentru ta' din il-festa hu l-Kattidral, jiġifieri l-ewwel knisja t'Għawdex, l-ewwel parroċċa, l-ewwel Kolleġġjata, il-Matriċi per eċċellenza, Omm il-knejjes kollha ta' Għawdex.

Imma iżjed minn qabel il-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex fl-aħħar snin saret magħrufa għaż-żanżin ta' opri ġodda b'mod speċjali fil-Kattidral, opri li kollha jitkellmu mill-Assunzjonisti li l-knisja tagħhom iħobbuha daqs il-mimmi ta' għajnejhom.

Fl-aħħar snin u sas-sena l-oħra stess rajna l-aqwa opri jiżżanżnu fil-knisja ta' l-Assunta u s-sena li ġejja dan it-tempju sa jkollu gwarniċ u vintartal tal-fidda għall-Kappella tas-Sagrament. Imma din is-sena ttieħdet l-inizjattiva għal żanżin ta' opri għall-festi ta' barra.

Din l-inizjattiva ttieħdet mill-Kumitat tal-banda ċittadina "Leone" jiġifieri l-Għaqda Mużikali li hija marbuta b'ittri tad-deheb mal-festa storika ta' Santa Marija li tfittex kull mezz sabiex tkabbar din il-festa Nazzjonali ta' Għawdex.

Iċ-ċentru ta' dawn il-festi hu l-Kattidral iddedikat lil Assunta u għalhekk fit-triq ewlenija li tagħti għal din il-knisja din is-sena sa jsir żanżin ta' sitt anġli li sa jitpoġġew fuq sitt pedistalli li saru apposta.

Fit-Tokk sa jsiru bandalori l-ġmiel tagħhom u l-ewwel erba' sejrin jiżżanżnu din is-sena. Dawn inħadmu mis-Sorijiet Dumnikani.

Fl-istess pjazza ċentrali ta' Għawdex jitpoġġew l-istatwi tat-tnax l-Appostlu u dawn is-sena wkoll ġew restawrati u mogħtija libsa ġdida. Restawrar sar ukoll ta' l-erba' Profeti li jitpoġġew mal-pedistall li fuqu titpoġġa l-istatwa ta' Santa Marija, kif l-istess sar lil erba' anġli żgħar ta' fuq l-istess pedistall.

Ma' dawn inżidu iżjed pavaljuni tad-dawl elettriku li jkomplu jkabbru d-dekorazzjonijiet ta' dawn il-ġranet popolari u pompużi.

Ix-xogħolijiet fuq l-istatwi kif ukoll id-disinn tal-bandalori saru miż-żagħżugħ Għawdxi Fredu Camilleri li ismu ġa hu magħruf biżżejjed fil-kamp artistiku. Il-pittura tal-bandalori saret minn ħuh, is-Sur Paul Camilleri Cauchi li llum ukoll kiseb fama kbira. Daqqa ta' id ta wkoll f'dan ix-xogħol ta' statwi Karmenu Camilleri li wkoll ħadem statwi għall-festi oħra. Il-pedistalli l-ġodda nħadmu mill-imgħallem Randu Camilleri u l-pavaljuni tad-dawl saru minn Amleto Monpalao.

Ma' dawn nistgħu nżidu wkoll li sa jitpoġġew sett ta' linef lejn l-inħawi ta' Savina, pavaljuni disinjati fit-triq tal-każin u affarijiet oħra li kollox ma' kollox żgur sa jkunu attrazzjoni għall-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex ta' din is-sena.



*L-Istatwa ta' Santa Marija tidher għaddejja minn taħt wieħed mill-pavaljuni tad-dawl elettriku.*



*Waħda mill-bandalori ġodda li se jiżżanżnu din is-sena.*


DRENCH YOUR THIRST WITH FLAVOUR

M - M - M - MIRINDA

Bright, Bubbly Fresh Fruit Flavour

Gemmgħu t-Tappijiet tal-Prodotti kollha ta' **Farsons** biex tieħdu sehem fil-Lotterija

BIRER KINNIE SCHWEPPES SLIMLINE MISSION

DPL 19/67


*Stampat fl-"Orphans' Press", Għajnsielem, Għawdex.*